# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 155/21/3 GM**

**Joseph Spiteri**

**v.**

**Carmen Spiteri**

1. B'deċiżjoni li ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-22 ta' Diċembru, 2021, ċaħdet it-talba ta' Carmen Spiteri (appellanti) għar-revoka tal-mandat ta' żgumbrament numru 62/2021.

2. Il-fatti rilevanti huma dawn:

i. B’sentenza **Carmen Spiteri v. Joseph Spiteri** (70/2009) tas-27 ta’ Ottubru, 2016, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) awtorizzat lill-appellanti sabiex *“8........ tirrisjedi fid-dar matrimonjali żmien sitt xhur millum ad eskluzzjoni tal-konvenut bl-obbligu illi tagħti aċċess lill-konvenut u lil terzi fl-eżerċizzju għall-bejgħ tad-dar matrimonjali”*. L-indirizz tal-fond hu 103, Lechuza, Triq Giovanni Barbara, Hamrun.

ii. B’sentenza tal-14 ta’ Diċembru, 2018, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

iii. B’rikors preżentat fit-23 ta’ Settembru, 2020, l-appellat talab lill-Qorti tal-Appell sabiex tordna l-iżgumbrament tal-appellanti minn dak il-fond. B’digriet mogħti fil-25 ta’ Frar, 2021, il-Qorti tal-Appell laqgħet it-talba wara li qalet: *“Madankollu din is-sentenza hi applikabbli fil-konfront taż-żewġ partijiet u billi l-intimata kellha sitt xhur mis-sentenza li fiha kellha ddum tirrisjedi fid-dar matrimonjali tilqa’ t-tielet talba għall-iżgumbrament tal-intimata”*.

iv. Fis-7 ta’ April, 2021, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat il-ħruġ ta’ mandat ta’ żgumbrament kontra l-appellanti (numru 62/21) mill-fond in kwistjoni. Fir-rikors għall-ħruġ ta’ dak il-mandat l-appellat iddikjara li t-titolu eżekuttiv hu d-digriet tal-25 ta’ Frar, 2021, li tat il-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Frar, 2021, li bih ordnat l-iżgumbrament tal-

appellanti. Il-Qorti tal-Familja laqgħet it-talba u ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament wara li rat is-sentenzi ta' dik l-istess qorti u tal-Qorti tal-Appell, id-digriet tal-25 ta' Frar, 2021, u *"Wara li qieset għalhekk l-atti kollha"*.

v. B'rikors preżentat fil-15 ta' Ġunju, 2021, *ai termini* tal-Art. 281 tal-Kap. 12, l-appellanti talbet ir-revoka tal-imsemmi mandat ta' żgumbrament. Fl-istess proċeduri b'rikors preżentat fis-6 ta' Diċembru, 2021, ulied il-partijiet talbu lill-ewwel Qorti sabiex tawtorizzahom jidħlu parti bħala persuni interessati f'dan il-proċediment. B'digriet mogħti fil-21 ta' Diċembru, 2021, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba għaliex l-ulied *"m'għandhom l-ebda dritt t'abitazzjoni fil-fond de quo"*.

vi. B'digriet mogħti fit-22 ta' Diċembru, 2021, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ċaħdet it-talba tal-appellanti għat-tħassir tal-mandat ta' żgumbrament.

vii. Fit-2 ta' Frar, 2022, l-appellanti ddepożitat iċ-ċwievet tal-fond fil-qorti (ċedola numru: 11/2022), *"..... u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha li terġa' tidħol fil-fond f'każ li jkun hemm ordni ta' Qorti li twaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat jew tirrevoka l-istess mandat"*.

viii. Fil-21 ta' Frar, 2022, saret l-esekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament billi sar sgass.

3. Il-motivazzjoni tad-deċiżjoni li tat l-ewwel Qorti kienet:

> *"Il-Qorti taqbel mar-rikorrenti Carmen Spiteri dwar l-interpretazzjoni tagħha tal-liġi rilevanti. L-Art. 264 minnha ċċitat jistabbilixxi bħala regola ġenerali li l-esekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-Qorti li minnha jiġu mogħtija, filwaqt li kull titlu eżekuttiv ieħor huwa esegwibbli mill-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-oġġett tat-titlu. Imbagħad il-liġi tkompli tgħid, permezz tal-Art. 265, li fil-każ t'appell, is-sentenza għandha tiġi esegwita dejjem mill-Qorti tal-ewwel grad. Dan l-artiklu jitratta biss l-esekuzzjoni tas-sentenzi. Ma jitkellimx dwar digrieti. Għalhekk għad-digrieti japplika l-Art. 264(2) li jitratta dwar titli eżekuttivi li mhumiex sentenzi. Għalhekk digrieti maħruġa mill-Qorti tal-Appell għandhom jiġu esegwiti minnha stess.*
>
> *B'danakollu, it-talba ta' Joseph Spiteri għall-iżgumbrament mhix ibbażata fuq il-mandat biss, imma wkoll – anzi prinċipalment - fuq is-sentenza. Hija fformolata hekk:*
>
> > *"Illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament kontra l-intimat… in esekuzzjoni tas-sentenza infraskritta, u billi l-intimat naqas li jagħmel dan sal-lum, u dana in segwitu tad-digriet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell…"*
>
> *Tabilħaqq, is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet li "ma hijex se takkorda dritt ta' abitazzjoni in aeternum lill-appellanti (Carmen Spiteri) anke minħabba l-fatt li f'dan il-każ ma hemmx tfal minorenni. Se testendi t-terminu impost mill-ewwel Qorti għal sena biex taghtiha aktar żmien tipprepara ruħha għall-bejħ tad-dar". Sewwa tgħid ir-rikorrenti Carmen Spiteri li l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'ordnatx l-iżgumbrament, iżda ma kellhiex għalfejn tagħmel dan. Dik il-Qorti tat żmien limitat t'abitazzjoni lil Carmen Spiteri li issa ilu li skada. Dik kienet l-ordni espliċita u inekwivoka tagħha. Billi dik l-ordni ma ġietx obduta, kien meħtieġ li jintalab l-infurzar tagħha permezz tal-mandat ta' żgumbrament, appuntu biex l-ordni tal-Qorti, li ma ġietx segwita spontanjament, tiġi esegwita bil-forza".*

4. B'rikors preżentat fl-20 ta' Diċembru, 2021, l-appellanti appellat mid-digriet tal-21 ta' Diċembru, 2021, u tat-22 ta' Diċembru, 2021. L-

appellat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

5. L-ewwel aggravju jitratta d-digriet tal-21 ta' Diċembru, 2021, li bih l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba ta' wlied il-partijiet sabiex jintervjenu f'dawn il-proċeduri. Issostni li t-tfal igħixu fil-fond u meta l-uffiċjal eżekuttiv imur jeżegwixxi l-mandat ta' żgumbrament, ma jistax ineħħi l-oġġetti ta' wliedhom. Qalet ukoll li l-Qorti tal-Appell kienet laqgħet it-talba tal-appellat biss fil-konfront tagħha u mhux it-tfal. Żiedet li kieku uliedha tħallew jintervjenu, *".... t-talba tal-esponenti stess (għar-revoka tal-mandat) kienet tkun imsaħħa b'raġunijiet oħra li wkoll huma gravi biżżejjed biex il-mandat jiġi revokat"*.

6. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-aggravju hu fieragħ. Ma jirriżultax li r-rikorrenti għandha jedd tappella fuq digriet li jirreferi għal talba li għamlu wliedha li huma maġġorenni. It-tfal qalu li jridu jintervjenu fl-atti tar-rikors għar-revoka tal-mandat ta' żgumbrament għaliex iridu jixtru sehem missierhom mill-fond peress li ommhom ma kellhiex fejn tmur tgħix. Pero` dik ir-raġuni ma setgħet bl-ebda mod tgħin il-pożizzjoni tal-appellanti ġialdarba kien hemm ordni ta' żgumbrament li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021.

7. It-tieni aggravju jitratta d-deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru, 2021, li biha l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-appellanti għar-revoka tal-mandat ta' żgumbrament. L-appellanti tilmenta li t-talba ta' Joseph Spiteri għall-iżgumbrament hi bażata biss fuq id-digriet li tat il-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021, u l-ewwel Qorti żbaljat meta qalet li t-talba tal-appellat għall-iżgumbrament hi bażata fuq il-mandat u s-sentenza. Kompliet tilmenta li l-ewwel Qorti żbaljat ukoll dwar l-effett ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fl-14 ta' Diċembru, 2018. Tinsisti li l-konsegwenza ta' dik is-sentenza kellha tkun biss li d-dritt esklussiv ta' abitazzjoni kien għal sena, u mhux li tiġi żgumbrata wara dik is-sena. Il-partijiet huma koproprjetarji u meta għaddiet is-sena, ħadd minnhom ma kellu jedd esklussiv ta' abitazzjoni. Għalhekk f'dak l-istadju kull parti setgħet tagħmel użu minnu. Żiedet li żball ieħor tal-ewwel Qorti kien li fehmet il-kliem li wżat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza, bħala ordni ta' żgumbrament.

8. Hu fatt li fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament 62/2021 l-appellat ibbaża t-talba fuq titolu eżekuttiv deskritt b'dan il-mod:

> *"Digriet fil-Qorti tal-Appell tal-25/2/2021 wara s-sentenza fl-ismijiet Carmen Spiteri vs Joseph Spiteri deċiża 14 ta' Diċembru 2018"*.

9. Digriet li fih innifsu hu titolu eżekuttiv (Art. 253(a) tal-Kap. 12).

10. L-esekuzzjoni tad-digriet suppost kellha ssir mill-Qorti tal-Appell peress li mhuwiex sentenza. Għalhekk l-Art. 265 tal-Kap. 12 ma japplikax. Fil-fatt l-Art. 264 tal-istess liġi jagħmilha ċara li:

> *"Barra minn fil-każijiet eċċettwati f'dan il-Kodiċi, l-esekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-qorti li minnha jiġu mogħtija.......*
>
> *(2) Kull titolu esekuttiv ieħor imsemmi fl-artikolu 253 huwa esegwibbli mill-qorti li hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-oġġett tat-titolu"*.

11. Pero` fid-digriet tas-7 ta' April, 2021, li bih il-Qorti tal-Familja laqgħet it-talba tal-appellat għall-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament kontra l-appellata, ħadet ukoll in konsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (27 ta' Ottubru, 2016) u tal-Qorti tal-Appell (14 ta' Diċembru, 2018) tant li semmiethom fid-digriet. Il-Qorti għamlitha ċara li kienet qiegħda tilqa' t-talba tal-appellat għall-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament, *"Wara li qieset għalhekk l-atti kollha"*, li ovvjament jinkludu s-sentenzi li huma wkoll titolu eżekuttiv. Għalhekk il-mandat ta' żgumbrament ma nħariġx biss a bażi tad-digriet li tat il-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2022, iżda wkoll tal-imsemmija sentenzi.

12. L-appell mhuwiex mid-digriet li din il-Qorti tat fil-25 ta' Frar, 2021, iżda mid-digriet tal-ewwel Qorti tat-22 ta' Diċembru, 2021, li ngħata b'referenza għar-rikors li l-appellanti ppreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2021, skont il-proċedura fl-Art. 281 tal-Kap. 12.

13. Pero` llum diġa` hemm digriet ta' din il-Qorti li l-appellanti għandha tiżgombra mill-fond. Digriet li għadu fis-seħħ u li mhuwiex jiġi mpunjat f'dawn il-proċeduri. Minn qari tad-digriet appellat hu ċar li l-Qorti tal-ewwel grad kemm fid-digriet li bih ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament (7 ta' April, 2021) u wkoll fid-digriet appellat li bih ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat ta' żgumbrament (22 ta' Diċembru, 2021), applikat il-parti dispożittiva tas-sentenzi b'mod li hu konformi mad-digriet li tat din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 2021, u li għadu fis-seħħ.

14. F'dawn iċ-ċirkostanzi mhijiex ġustifikata t-talba tal-appellanti għat-tħassir tad-digriet li bih l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat ta' żgumbrament numru 62/2021 fl-ismijiet **Joseph Spiteri v. Carmen Spiteri**.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul | Christian Falzon Scerri |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da